MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Numru. 484/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Raymond Bajada ta' 39 sena, bin l' Salvatore u Josephine nee' Bigeni,
imwieled Xewkija nhar 08/03/1968 u residenti fil-fond numru Madonna Ta' Pinu, Trejqet il-Mitjar, Xewkija, Ghawdex, detentur
tal-karta tal-identita' numru 16168(G)**

u

**Denis Pace, ta' 32 sena, bin John u Jane nee' Buttigieg, imwieled Rabat (Ghawdex) nhar 14/05/1975, residenti fil-fond numru "Camberra", Triq Cetta Mintoff, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 10375(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra ’l hawn fuq imsemmija Raymond Bajada u Denis Pace li gew akkuzati talli nhar il-14 ta’ Gunju, 2007 u xhur ta’ qabel, fl-inhawi Ta’ Lambert, limiti tax-Xewkija, Ghawdex, ghall-habta tat-tmienja u nofs ta’ fil-ghaxija (20:30hrs), Raymond Bajada bhala wiehed mid-Diretturi ta’ Devgozo Limited u Denis Pace bhala l-persuna li fil-fatt iddepozita l-iskart:

1) Iddepozitaw radam f’sit li ma hux sit ghar-rimi u li ma hux kopert b’licenzja ghal dan il-ghan mahruga mid-Direttur ghall-Harsien tal-Ambjent (A.L. 128/1997 Art3, 4)
2) Naqsu li josservaw xi dispozizzjonijiet tar-Regolamenti tal-1997 dwar drittijiet u depozitu ghal kull skart u radam. (A.L. 128/1997 Art22)
3) Dahlu ghal xi attivita’ fil-maniggjar tal-iskart minghajr permess mill-awtorita’ kompetenti u bi ksur ta’ tharis tar-Regolamenti tal-2001 dwar permessi u kontrolli fil-maniggjar tal-iskart (A.L. 337/2001 Art 26(a) )
4) Abbandunaw, waqqghu, tefghu jew xort’ ohra immaniggjaw skart mhux skond id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2001 dwar permessi u kontrolli fil-maniggjar tal-iskart (A.L. 337/2001 Art 26(a) )
5) Qieghdu skart f’post fejn ma hux post li jigi mmaniggjat l-iskart u li ma hux post li awtorizzat li jircievi tali skart bis-sahha ta’ xi permess (L.N. 337/2001 Art 7 (3) )
6) Minghajr awtorizzazzjoni b’ligi, remghu, tefghu jew iddepozitaw xi zibel f’post pubbliku jew spazju fil-miftuh li l-pubbliku ghandu access ghalih (A.L. 344/2005 Art 4)
7) Hattew jew qieghdu f’periklu b’kull mezz li jkun l-istabbilita’ jew is-sbuhija ta’ hitan tas-sejjieh, kostruzzjoni struttura jew fond rurali u ma hallewx l-ilma tax-xita jghaddi gieri minn gol-binja tal-hitan tas-sejjieh ta’ xi hajt tas-sejjieh, kostruzzjoni, struttura jew fond rurali (A.L. 160/1997 Art 5(2) )
8) Naqsu li josservaw xi dipozizzjonijiet tar-Regolamenti tal-1997 dwar hitan tas-sejjieh u strutturi rurali (A.L. 160/1997 Art 7(a) )

U lil Raymond Bajada wahdu:

9) Aktar talli bhala direttur tal-Kumpanija Devgozo Limited, bhala pussessur tal-iskart jew bhala persuna li indahal ghall-hidmiet li ghandhom x'jaqsmu ma' dan ix-xoghol u ghalhekk responsabbli ghall-maniggjar tal-iskart, naqas li jizgura li dan l-immaniggjar isir skond ir-Regolamenti tal-2001 dwar il-permessi u kontrolli fil-maniggjar tal-iskart (L.N. 337/2001 Art 7 (1) (2) )

U lil Denis Pace wahdu:

10) Aktar talli bhala haddiem mal-kumpanija Devgozo Limited, bhala pussessur tal-iskart jew bhala persuna li ndahal ghall-hidmiet li ghandhom x'jaqsmu ma' dan ix-xoghol u ghalhekk responsabbli ghall-maniggjar tal-iskart, naqas li jizgura li dan l-immaniggjar isir skond r-Regolamenti tal-2001 dwar il-permessi u kontrolli fil-maniggjar tal-iskart (L.N.337/2001 Art 7 (1) (2) )

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika Artikolu 27 tal-A.L. 337/2001, Artikoli 10 u 14 tal-A.L. 344/2005, Artikolu 8 tal-A.L. 160/1997 u Artikolu 23 tal-A.L. 128/1997;

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli 3,4 u 22 ta'l-Avviz Legali 128 ta'l-1997, l-artikoli 5(2) u 7(a) tal-Avviz Legali 160 ta'l-1997, 7(1)(2)(3) u 26(a) ta'l-Avviz Legali 337 ta'l-2001 l-artikolu 4, ta'l-Avviz Legali 344 ta'l-2005 u l-artikoli 5(2) u 7(a) ta'l-avviz legali 160 ta'l-1997 ;

Semghet illi l-imputat Raymond Bajada ammetta illi bhala fatt iddepozita skart fis-sit in kwistjoni;

Fuq ammissjoni, issibu hati ta’ l-ewwel (1) akkuza u tikkundannah multa ta’ hames mitt Lira Maltin (Lm500) u tordnalu biex fi zmien xahar mil-lum inehhi l-iskart minnu ddepozitat fis-sit in kwistjoni;

Illi t-tieni (2) akkuza ma tirrizultax u ghalhekk tilliberah;

Illi dwar l-akkuzi numri tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5) u disgha (9) dawn inghataw bhala akkuzi alternattivi u kwindi fid-dawl tal-kundanna moghtija fl-ewwel (1) imputazzjoni ma ssibux hati u tilliberah;

L- Akkuzi numri sebgha (7) u tmienja (8) ma jirrizultawx mill-provi u tilliberah minnhom;

Illi ghar-rigward ta’ l-imputat Denis Pace, irrizulta illi dan huwa biss impjegat mas-socjeta’ Devgozo Limited u ghalhekk l-akkuzi fil-konfront tieghu ma jirrizultawx u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------